MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 323/2004

**George Borg**

**vs**

**David Schembri, u b'digriet tal-Qorti tad-19 ta' Awissu 2004, interveniet fil-kawza is-socjeta' Middle Sea Insurance plc'**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta' George Borg fejn dan, wara li ppremetta illi:

L-attur kien involut f'incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Awissu 2003 fi Triq F.M. Ferretti, Birzebbugia, u dan fil-11.00am. Tali incident issucceda meta l-attur kien qed isuq vann tal-marka *Toyota Pick-up* bin-numru ta' registrazzjoni FBF-241, filwaqt li l-konvenut kien qed isuq

vann tal-marka *Ford Transit* bin-numru ta' registrazzjoni DAS-001.

L-incident issucceda tort unikament tal-konvenut u dan minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

A kawza tal-incident awtomobilisitku, l-attur sofra danni konsiderevoli u anke ta' natura personali.

Nonostante li l-konvenut gie debitament interpellat, dan baqa' inadempjenti.

Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku li ssucceda fit-12 ta' Awissu 2003 sehh tort unikament tal-konvenut u dan minhabba imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan da parti tieghu.

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi.

Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur, l-ispejjez likwidati.

Bl-ispejjez u l-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta, li permezz tieghu, il-Qorti awtorizzat lil Middle Sea Insurance plc tintervjeni fil-kawza "in statu et terminis".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-fuq imsemmija socjeta', intervenuta fil-kawza, li in forza taghha eccepiet illi:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez u dana stante illi l-incident ma sehhx bhala rizultat tal-imprudenza, imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut David Schembri, izda sehh unikament bhala

rizultat tal-imprudenza, imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost trid issir il-prova tad-danni sofferti mill-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta, li permezz tieghu, il-Qorti awtorizzat lill-konvenut iressaq in-nota tal-eccezzjonijiet tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut David Schembri, li in forza taghha huwa eccepixxa illi:

It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi l-incident mertu tac-citazzjoni fl-ismijiet hawn fuq premessi sehh unikament minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur u mhux minhabba htijiet imputabbli lill-eccipjenti.

Minghajr pregudizzju ghandha ssir il-prova tad-danni sofferti minn l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Gunju 2006, li permezz tieghu gie nominat Dr. Anthony Galea Debono biex jirrelata dwar il-percentwali ta' dizabilita' li allegatament ibati minnha l-attur.

Rat ir-rapport tal-istess espert mediku minnu konfermat bil-gurament fil-15 ta' Frar 2007.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Din hija kawza dwar incident awtomobilistiku li z-zewg partijiet jitfghu t-tort ghalih wiehed fuq l-iehor reciprokament.

Htija

Dwar id-dinamika tal-incident, l-attur jixhed hekk:

"*Nghid illi nhar it-12 ta' Awissu 2003, jiena ghall-habta tal-11.00a.m., kont tiela' minn Triq F.M. Ferretti ghall-By-Pass tal-Belt Valletta gewwa B'Bugia.*

*Nghid illi jiena dak il-hin kelli l-vann tieghi tal-ghamla Toyota Hi-Lux Pick-up targat FBF-241 mghobbi bl-ghodda tal-bini u kelli ukoll xi cilindri tal-acitelena u gas. Ghalhekk, jiena kont miexi b'velocita' baxxa ta' madwar 30 kilometru fis-siegha.*

*Nghid illi Triq F.M. Ferretti tmiss ma' Triq Herakles. Jiena, hekk kif kont kwazi qsamt salib it-toroq u ghaddej dritt, dhalt halli nibqa' sejjer ghall-By-pass tal-Belt Valletta, jiena naqla' daqqa fuq in-naha tal-lemin tieghi minn vettura targata DAS-001, li kienet zbokkat diga' minn Triq Herakles b'velocita' qawwija u 'wrong-side' u baqghet diehla b'velocita' qawwija fija fuq in-naha ta' quddiem tal-lemin u fuq il-genb tal-lemin kollu tal-vettura tieghi.*

*Nghid illi qabel l-impatt, jiena, din il-vettura ma nnotajtiex ghaliex Triq Herakles, hekk kif din tizbokka ghal Triq F.M. Ferretti hemm 'stop sign' u allura, din il-vettura suppost waqfet hemmhekk.*"

PC 1246 Cecil St. John jixhed hekk:

"*Il-Ford Transit DAS 001 (il-konvenut) kien hiereg minn Triq Herakles towards Ghar Dalam Road u FBF 241 Toyota kienet fi Triq Ferretti by-pass to Valletta.*

*Minn fejn kien gej l-attur George Borg, dan kien gej minn Triq F.M. Ferretti u nghid li kien hemm stop sign imma*

*kienet kwazi sparixxiet (faded). Iktar lura mill-istop sign ma nafx kienx hemm slow sign ghaliex l-iskitz isir dwar fejn kien sehh l-incident (point of impact).*

*Fil-fatt, dakinhar tal-incident, kien hemm stop sign li kienet faded u ma kienx hemm tabelli. Jien ma neskludix li kien hemm slow sign. Biss jiena kont tkellimt mal-konvenut u spjegajtlu dwar dik is-sign.*

*Il-hsara kienet dik kif deskritta fir-rapport imsemmi – vide Dok. 'A'.*"

Ir-rapprezentant tal-kunsill lokali ta' Birzebbugia, Anthony Roberts xehed hekk:

"*Fit-12 ta' Awissu 2003, nghid illi fil-crossroad bejn Triq Ferretti u Triq Herakles – fi Triq Ferretti fil-junction kien hemm slow sign u faccata tal-istess triq, kien hemm slow sign ukoll, nghid ukoll li Fi Triq Herakles, kantuniera ma' Triq Ferretti, kien hemm stop sign.*

*Mistoqsi jekk is-sinjal fi Triq Herakles kienx faded, nghid li jiena ma niftakarx. Li naf hu li kien hemm stop sign fi Triq Herakles.*"

Il-konvenut innifsu, meta xehed in kontro-ezami, ammetta hekk:

"*Fuq domanda jekk kienx hemm ukoll pole sign ta' stop sign apparti minn dik ta' fuq it-tarmac, nghid li iva, kien hemm. Biss, indunajt b'dan il-pole wara l-habta.*"

Stabbilita l-ezistenza ta' stop sign fid-direzzjoni tat-traffiku li kien qed jipperkorri l-konvenut, id-dinamika tal-incident ghalhekk hija regolata mir-regoli ta' kondotta ta' "main road user" u "side road user".

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "Vella Galea vs Sammut" (deciza fil-5 ta' Ottubru 1998):

"*F'dan il-kuntest, jassumi importanza determinanti l-istop sign fil-punt imnejn ikun hiereg il-konvenut. Mhux biss*

*ghaliex hu kjarament indikattiv lill-konvenut li kien se jirfes u jittraversa triq principali imma ukoll ghaliex jimponi fuq il-konvenut, l-obbligu li jieqaf ihares biex jesplora t-triq principali u ma jazzardax jirfes fuqha jekk mhux qabel ma jkun accerta ruhu illi ppermetta t-traffiku fuq it-triq principali li jghaddi u li jkun jista' jirfes fuq it-triq principali bla ma jtellef b'xi mod lill-utenti ta' dik it-triq;*

*When coming from a side road into a main road, the driver or rider on vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety. The Highway Code provides: "Give way to traffic on the major road. At uncontrolled crossings, unless you have a clear view of the major road in both directions, stop before entering the major road". If there is a sign requiring traffic to halt or go slowly before entering a main road from a side road, it is an offence to disobey the sign and evidence of negligence on the part of the driver*" (The Law of Negligence, Charlesworth 2nd Edition – pagni 82 et seq).

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti tasal ghall-fehma li l-htija tal-incident awtomobilistiku bejn il-partijiet kienet unikament tal-konvenut.

Danni

Damnum emergens

L-attur ipprova li nefaq Lm80 kawza tal-incident. Ipprova ukoll li l-vettura tieghu giet dikjarata "beyond economical repair" u nghata taghha Lm90.

Lucrum cessans

L-introjtu tal-attur fil-mument tal-incident de quo kien ta' Lm4532.20. L-esperti medici, pero' ma jaqblux fil-konkluzjonijiet taghhom dwar il-percentwali ta' dizabilita' li jsoffri minnha l-attur. Mentri l-espert prodott "ex parte" jasal ghall-percentwali ta' 4% u dak mahtur mill-Qorti jasal ghal 3%. Fic-cirkostanzi, il-Qorti ser taddotta l-figura ta' 3% li ma gietx kontrastata mill-attur bil-modi diversi li takkordalu l-ligi u cioe', il-hatra tal-periti perizjuri u/jew l-

eskussjoni tal-istess perit. Il-multiplier li ser tuza l-Qorti huwa ta’ 19 u dan peress illi l-attur, li kellu eta’ ta’ tnejn u erbghin sena fi zmien l-incident de quo, huwa meqjus li jibqa’ attiv ekonomikament sal-eta’ ta’ 61 sena. Inoltre, peress illi s-sentenza qeghda tinghata disa’ snin wara l-incident de quo, m’huwiex qed isir tnaqqis ghal-“lump sum payment”.

Lm4532.20 x 19 x 3% = Lm2583.35

Ghalhekk, l-ammont komplessiv li ghandu jircievi l-attur huwa ta’;

Damnum emergens = Lm170
Lucrum cessans = Lm2,583.35
Total = Lm2,753.35
Ekwivalenti ghal: €6,413.58

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li l-incident li sehh fit-12 ta’ Awissu 2003 sehh unikament htija ta’ David Schembri; tilqa’ t-tieni talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta’ sitt elef, erba’ mija u tlettax-il Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€6,413.58); tilqa’ t-tielet talba u tikkundanna lil David Schembri ihallas lil George Borg is-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u tlettax-il Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€6,413.58).

L-ispejjez kollha jithallsu minn David Schembri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------